MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 304/2002/1

**Avviz numru 304/02DM**

**Dereco Stores Limited gia Derek Cold Stores Limited**

**Vs**

**Hotels International Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas ta’ somma ta’ Lm2520.61 (elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Jannar 2002 u bl-imghax legali mis-7 ta’ Frar 2001, data

ta’ l-ahhar pagament akkont maghmul mis-socjeta konvenuta sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti permezz tal-avvukat taghhom kienu kkontestaw it-talba fis-seduta tat-18 t’Ottubru tas-sena 2002 huma naqsu li jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet formali fiz-zmien xahar iffissat mill-Qorti.

Inoltre rat ukoll illi l-konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll bil-gurament lil Manuel Schembri prodott mill-kumpanija attrici ssib illi it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm2520.61 (elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mis-7 ta’ Frar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------